# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Kummissarju Tal-Pulizija**

**Spettur Karl Roberts**

**kontra**

**Nurul Haq (20A-185)**

Illum 4 T'Ottubru,
2024

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Nurul Haq, iben Mitruh u Sophia Kana, imwieled nhar is-27/11/1991 gewwa Beanibazar, Bangladesh u detentur tan-numru tal-Pulizija 20A-185 residenti gewwa 19O, Cospicua road, Paola;**

Akkuzat talli talli fit-3 t'Ottubru, u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

1. Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellhu passaport jew dokument li huwa jaf li gew iffasifikati, imbiddla jew li saru tibdil fihom (Kap 61 sec5).

2. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel użu minn xi dokumenti falsifikati (Kap 9, Sec 189).

3. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, ta' prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Pricipali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32 (1c) tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita legittima, uza jew kellhu fil-pussess taghhom xi dokumenti mehtiega ghall finijiet ta' l-Att ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32 (1f).

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
Rat li l-imputat tressaq taht arrest fl-4 ta' Ottubru, 2024.
Rat l-ammissjoni tal-imputat tal-4 ta' Ottubru, 2024.
Rat l-artikoli Kap 61 art 5, Kap 9 art 189, Kap 217 art 32(1c) u Art 32(1f) tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat l-atti, dokumentazzjoni u provi ezebiti.

**Ikkunsidrat**

L-imputat irrigistra ammissjoni fi stadju bikri hafna tal-proceduri.

**Decide**

Ghaldaqstant  wara li rat l-artikoli Kap 61 art 5, Kap 9 art 189, Kap 217 art 32(1c) u Art 32(1f) tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Nurul Haq hati tal-imputazzjonijet kollha fil-konfront tieghu u tikkundannah komplessivament  ghal sitt (6) xhur  habs effettiv.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**